MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 181/2014

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Stephen Cutajar (K.I. 350971M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, sebgha mija u wiehed u tmenin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€1781.87) liema ammont huwa in konnessjoni ma’ servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50987902 moghtija mis-socjeta’ attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim akkont relattiv u dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Il-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tat-13 ta' Mejju, 2014 fejn il-konvenut Stephen Cutajar ammetta bil-gurament is-sorte mertu ta' din il-kawza u talab li jinghata l-fakolta' li jhallas din is-somma ratejalment permezz ta' pagamenti ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar. It-Tribunal f'dan l-istadju jirrakomanda lis-Socjeta' attrici li taghti l-fakolta' lill-konvenut li jhallas is-somma dovuta minnu ratejalment permezz ta' pagamenti ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa't-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, sebgha mija u wiehed u tmenin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€1781.87) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------